MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 34/2002

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Cutajar, karta tal-identita' numru 754461 (M):

talli fit-28 ta' April, 2002 ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu fil-*Blue Lagoon* Kemmuna, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-haja ta' haddiehor f'periklu car, tikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew li igibbilha disordni f'mohha, u cioe' ikkagunajt offiza hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Muscat minn San Gwann Malta, skond kif iccertifika t-tabib Peter Muscat MD, mil-Isptar Generali ta' Ghawdex, ai termini tl-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess hin, data, u lok hawn fuq imsemmij ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fost affarijiet ohra ghamilt hsara fin-nuccali u f'gizirana tad-deheb a detriment ta' Anthony

Muscat, liema ammont ta’ hsara huwa ta’ izjed minn hamsin Lira Maltin (LM50) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500), ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess hin, data u lok hawn fuq imsemmija, heddidt bil-fomm lil Anthony Muscat li se tgherqu, ai termini tal-Artikolu 249 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti intalbet li f’kaz ta’ htija tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-2 ta’ Frar, 2002 ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura kif registrat fil-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2002;

Semghet il-provi;

Semghet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar it-tielet akkuza sollevata mid-difiza;

Semghet ir-rinunzja tal-kwerelant dwar l-ewwel akkuza;

Rat l-atti tal-kazwa;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-imputa kien hebb ghall-kwerelant fid-data u l-hin indikati fl-akkuza meta dan tal-ahhar kien qieghed il-Blue Lagoon jistenna biex jghabbi il-passiggieri fid-dghajsa tieghu. L-imputat trakka bid-dghajsa tieghu mad-dghajsa tal-kwerelant, tela’ fid-dghajsa tal-istess kwerelant u beda jtih bil-ponn fejn spicca kissirlu n-nuccali. L-kwerelant spicca billi sofra diversi griehi li kienu klassifikati hfief minkejja li xehed li ghandu jbati minn ghajnejh u li spalltu damet aktar minn

xahar biex tigi f'postha oltre li spicca tilef zewg gizirani tad-deheb;

Illi l-prosekuzzjoni pruvat dak kollu allegat kontra l-impuat izda d-difiza ghandha raguna tissoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-tielet akkuza stante li l-imputat kien notifikat bl-azzjoni odjerna wara tlett xhur mill-akkadut. Irid jinghad illi minkejja li l-akkuza tindika l-artikolu 249, dan ma ghandux konnnessjoni mal-fatti addebitati lill-imputat stante li t-theddid kien bil-fomm u mhux bil-miktub. Ghalhekk fil-waqt illi tilqa' l-eccezzjoni tiddikjara it-tielet akkuza preskritta.

Illi l-kwerelant irregistra rinunza ghall-ewwel akkuza, izda tali rinunzja mhix possibbli stante li l-akkuza harget ufficcjalment mill-Pulizija u mhux bhala kaz privat;

Wara li l-Qorti tqis illi l-ewwel u t-tieni akkuza huma debitament pruvati, ssib lil-imputat hati taghhom;

Wara li rat l-artikoli 214, 221, 325 (b) tal-Kap 9,

Tillibera lill-impuat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Stante li l-kwerelant wera li ma riedx ikompli jipprocedi kontra l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-istess kwerelant ghal-provvediment tal-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------